**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni Nru. 325/01**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Walter Spiteri)**

**vs**

**Frangisku Spiteri ta' 54 sena, iben George**
**u Catherine nee Cassar, mwieled fiz-Zejtun fis-16 ta'**
**Mejju, 1949, u joqghod Merhba Bik, St Catherine Street,**
**Zejtun, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru**
**481449 (M).**

**Illum 6 ta' Settembru , 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Frangisku Spiteri li gie akkuzat talli fl-4 ta' Marzu, 2001 fiz-Zejtun, hebb ghal Maria Manicolo u kkagunalha feriti ta' natura gravi skond kif iccertifikat minn Dr J. Vella MD u talli hebb ghal Mark Anthony Manicolo u kkagunalu feriti ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr J. Vella MD, akkuzat talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi offenda u insulenta lill-familja Manicolo bi kliem, qalu kliem oxxen u baxx fil-pubbliku, ghamlu storbju u kisru l-paci pubblika u l-mistrieh tan-nies.

Rat li fl-interrogatorju l-akkuzat wiegeb li hu ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, rat ukoll li hu ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza, rat ukoll li fil-verbal tad-19 ta' Lulju, 2002, l-akkuzat ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu hlief ghal dawk li ftit aktar tard gew irrinunzjati mill-parte civile.

Rat f'dan ir-rigward l-artikolu 221(4) tal-Kap 9.

Ikkonsidrat li in vista ta' l-ammissjoni tieghu, qed issibu hati ta' l-akkuzi dedotti kontra tieghu ghajr ghal dawk li gew rinunzjati mill-parti leza, u dan wara li rat l-artikoli 338dd, 216.

Ikkonsidrat dak li vverbalizzaw il-partijiet li s-sentenza fil-kaz in dizamina biex tirrifletti l-ispirtu ta' bon vicinat ghandha tkun in linea ma' dik esebita kontra l-familja Manicolo. Taqbel biss din il-Qorti f'dan ir-rigward in vista li l-akkuzi jidhru kwazi identici. Ma tistax tifhem din il-Qorti xi spirtu ta' bon vicinat hemm bejn dawn iz-zewg familji biex wasslu sa hawn biex jottenuh, ovvjament tenut kont anke tas-sentenza esebita lanqas ma tista' tifhem kif jitilghu persuni quddiemha li jippretendu li fi kwistjoni bhal din, huma passivament sofrew. Rat ukoll il-fedina penali ta' l-akkuzat, ghaldaqstant, wara li rat l-artikolu 9 tal-Kap 152 qed tilliberah bil-kundizzjon li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien tmintax-il xahar mill-llum.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.